**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Illum, 14 ta' Diċembru 2023**

**Rikors Ġuramentat Nru: 125/23 AL**

**Fl-ismijiet:**

**A B**

**vs**

**C D**

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attriċi[1] li permezz tal-istess ppremettiet:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar il-25 ta' Frar tas-sena 2006 u sussegwentement isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri datat it-3 ta' Mejju, tas-sena 2016 (hawn anness bħala Dok. A);*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ twieldet it-tifla E D nhar l-10 ta' April tas-sena 2010 illi fir-rigward tagħha, il-partijiet qablu dwar l-kura u l-kustodja u l-aċċess tagħha fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni;*

[1] fol 1 sa fol 3

3. *Illi l-konvenut ibati minn kundizzjonijiet mentali, u ilu jbati minn dawn il-kundizzjonijiet minn qabel is-separazzjoni tal-kontendenti, iżda l-esponenti ma hijiex mgħarrfa bid-dijanjosi preċiża. Illi flimkien mal-kundizzjonijiet mentali tiegħu, l-konvenut ukoll jabbuża milll-alkohol. Illi dawn il-problemi wasslu għal biex il-kontendenti jinfirdu;*

4. *Illi minħabba dak kollu, il-kuntratt jinkludi klawżola u ċioe` klawżola numru 6 illi tgħid " The wife may by giving notice to this effect in writing to the husband even by electronic mail, suspend the Husband's exercise of access stating the cause of suspension, provided however that such suspension shall remain in force for a period of twenty one (21) days, saving the Wife's entitlement, subject to the conditions of this stipulations, to suspend the access for the same or other cause upon the expiration of the said period of twenty one (21) days."*

5. *Illi għalkemm – ukoll wara s-separazzjoni tal-kontendenti- l-attur kien assigura lill-konvenuta li kien qiegħed jieħu kura sabiex jieqaf jixrob, dan kien għalxejn u xorta' waħda baqa' jixrob u l-imġieba tiegħu baqgħet tiggrava ukoll fil-konfront ta' binthom minuri, ukoll billi beda jibgħatilha ċerti messaġġi ta' theddid. Dan kollu wassal għal sabiex il-minuri ta' tlettax-il sena, ssofri minn anxiety, panic attacks u kkomettiet self-harm, u kif ukoll qegħda tirrifjuta illi tara lil missierha. Illi bħala riżultat ta' dawn l-episodji, illi sejrin jiġu ppruvati tul is-smiegħ tal-kawża, l-attriċi irrikorriet għal biex tagħmel kuntatt maċ-"Child Protection Services";*

6. *Illi l-imġieba ħażina tal-konvenut fil-konfront tal-attriċi u ta' binthom, inkluż iżda mhux biss illi wettaq att vandalu fuq il-propjeta tal-attriċi billi ċarrtilha it-tyres tal-vettura tagħha, wassal għal biex inbdew proċeduri kriminali kontra tiegħu, illi jnsabu pendenti quddiem il-Maġistrat Lia;*

7. *Illi l-konvenut ma huwiex jaġixxi fl-aqwa interess tal-minuri, u minflok qiegħed joħloq iżjed uġigħ u niket f'ħajjitha, Inter alia billi l-konvenut għażel li juża l-awtorita tal-ġenitur – preżentement vestita fiż-żewġ partijiet konġuntivament- bħala arma biex jidixxiplina, jhedded u jikkastiga lill-attriċi u lill-binthom, fejn l-imġieba tagħhom ma tikkonformax ma dak maħsub minnu, u dan kif sejjer jiġi ppruvat tul is-smiegħ tal-kawża;*

8. *Illi l-attriċi taf b'dawn il-fatti personalment;*

9. *Illi appuntu sabiex tindirizza din is-sitwazzjoni, l-attriċi kienet fid-29 ta' April, 2022 ippreżentat proċeduri ta' medjazzjoni, iżda l-isforzi tal-attriċi biex tiġi riżolta din il-materja ma kienux biżejjed minħabba l-imġieba ħażina tal-konvenut u dawn l-proċeduri ġew magħluqa u l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bil-kawża odjerna permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tat-13 ta' Marzu 2023 (Dok. B).*

10. *Illi għall-attriċi, obbligata kif inhi bħala ġenitur illi ħares lil bintha, ma kellha ebda għażla oħra ħlief illi tressaq dawn il-proċeduri.*

*Għaldaqstant, l-attriċi titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Illi a tenur ta' dak depost fl-Artikolu 61 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara illi dak miftiehem bejn il-kontendenti fil-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom dwar il-kura, kustodja, setgħa tal-ġenitur u aċċess tal-minuri mhuwiex fl-interess tal-minuri illi jibqa' fis-sehh, u tħassar u tannulla fl-interess tal-imsemmi minuri dak kollu mifthiehem mill-kontendenti fuq daqshekk;*

2. *prevja dikjarazzjoni illi l-komportament u dispożizzjoni erratika, vjolenti u aggressiv tal-konvenut ukoll meta jkun taħt l-influwenza tax-xorb, huwa tali illi mhuwiex fl-interess tat-tifla minuri E D li l-kura u l-kustodja tagħha tkun fdata l-kontendenti flimkien kif maħsub fl-atti tal-kuntratt datat it-3 ta' Mejju tas-sena 2016 iżda jkun fl-interess tagħha illi l-istess kura u kustodja tiġi fdata lill-attriċi ommha, tordna u tiddikjara illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri E D tkun fdata biss fl-istess attriċi;*

3. *Tordna illi tenut kont il-komportament u dispożizzjoni erratika, vjolenti u aggressiv tal-konvenut ukoll meta jkun taħt l-influwenza tax-xorb u tenut kont l-aqwa interess tal-imsemmija minuri, E D, l-attriċi ommha jkollha l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri ad esklużjoni ta-konvenut skont kif maħsub fl-artikolu 154 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Tiffissa ġranet u ħinijiet għall-aċċess tal-konvenut għall-imsemmija minuri E D fi ġranet u ħinijiet u taħt dawk il-kundizzjonijiet illi jiġu magħżula mill-Qorti, inkluż jekk il-Qorti tara fl-aħjar interess tal-minuri illi l-aċċess jiġi eżerċitat taħt superviżjoni, ukoll wara s-smiegħ akkurat tal-minuri u għalfejn qegħda tirreżisti l-kuntatt ma' missierha, b'mod illi l-aċċess hekk iffissat ikun ukoll jirrispetta x-xewqat leġittimi tal-minuri, kemm-il darba dawn ikunu fl-interess suprem tagħha;*

*Bl-Ispejjeż kontra l-konvenut, inkluż dawk inkorsi fil-proċeduri ta' medjazzjoni, li jibqa' minn issa nġunt għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;[2]

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut[3] datata 25 ta' Settembru 2023 li permezz tagħha ġie eċċepit:

1. *Illi t-talbiet attriċi, kif magħmula fir-rikors promotur, qatt ma kienu preċiżati jew tressqu espressament waqt il-proċess ta' medjazzjoni fejn id-diskussjoni kienet iffukata biss fuq l-aċċess u għaliex, skont l-attriċi, l-minuri E D kienet riluttanti bix tiltaqa' mal-konvenut missierha;*

2. *Illi, in effetti, l-esponenti ilu snin sħaħ ma jgawdi l-aċċess għall-imsemmija minuri u dan, partikolarment, sa minn meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, peress illi r-rikorrenti nqdiet bil-fatt illi l-konvenut, bħala spiżjar ġewwa l-isptar Mater Dei kien 'frontliner', sabiex twaqqaf l-aċċess għal bintu E D;*

3. *Illi tali stat ta' fatt, fejn il-konvenut m'għadx għandu kuntatt fiżiku mal-minuri u bilkemm jieħu aħbara, sakemm ma jippruvax jikkuntattjaha hu personalment permezz tal-mobile, ilu jisussisti għal snin;*

---

[2] fol 4 sa 5
[3] fol 22 sa 23

4. *Illi dak li qed titlob ir-rikorrenti fir-rikors promotur huwa effettivament biex tali stat ta' fatt ikun awtorizzat formalment minn din l-Onorabbli Qorti;*

5. *Illi dan kollu ħalla effett ħażin fuq is-saħħa tal-konvenut u minħabba f'hekk, kif ukoll għaliex il-konvenut qatt ma xtaq li l-minuri tispiċċa tintuża bħala ballun bejn il-partijiet, huwa dispost li jaċċetta t-talbiet attriċi rigward il-kura u l-kustodja, l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta'setgħa tal-ġenituri u l-aċċess konċernanti binthom E D.*

*Għaldaqstant, fid-dawl ta' tali cirkostanzi l-esponenti jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' t-talbiet attriċi u tagħti il-ġudizzju għaqli tagħha fl-interess suprem tal-minuri bintu E Scibberas.*

*B'dan illi l-ispejjeż, inkluż dawk inkorsi fil-proċeduri tal-medjazzjoni, jibqgħu għall-attriċi, li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet tat-13 ta' Marzu, 2023[4] li permezz tiegħu l-partijiet ġew awtorizzati sabiex jipproċedu b'din il-kawża fit-termini imposti mill-liġi;

Rat in-nota tal-attriċi li permezz tagħha esebiet l-pubblikazzjoni illi dehret fil-gazetta tal-Gvern  fil-5 ta' Settembru, 2023, il-pubblikazzjoni illi dehret fil-gazetta lokali, 'The Malta Independent' tat-22 ta' Settembru, 2023, u kopja tal-*invoice* tal-ispejjeż tal-istess publikazzjoni[5]

Rat il-verbal tat-8 ta' Novembru, 2023[6] fejn jirriżulta li għal dik is-seduta dehru l-partijiet assistiti, fejn ġie mitftiehem:

"*L-avukati difensuri tal-partijiet jaqblu illi fir-rigward tal-aċċess tal-missier għal-minuri għandu jseħħ biss kif u meta jiġi maqbul bejnu u bejn it-tifla minuri E u dan skont kif jiftehmu minn żmien għal żmien.*"

---

[4] fol 13 Dok B
[5] fol 25 Dok AG 1 AG 2 u AG 3
[6] fol 30

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawża;

Rat li l-kawża ġiet imħollija għas-sentenza għall-lum;

Ikkunsidrat:

L-Azzjoni Odjerna

Illi din hija azzjoni għal varjazzjoni ta' klawsoli spċifiċi fil-kuntratt tas-separazzjoni ffirmat bejn il-partijiet ippubblikat minn Nutar Liza Schembri fit-3 ta' Mejju, 2016 u dan **limitatment** għal dawk il-klawsoli li jirrigwardaw: is-setgħa ta' ġenitur, u il-kura, kustodja u l-aċċess tal-minuri E D li twieldet fl-10 ta' April, tas-sena 2010.

Illi hekk kif jirriżulta mir-rikors promotur tal-attriċi hija qed titlob lil Qorti sabiex:

5. A tenur ta' dak depost fl-Artikolu 61 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara illi dak miftiehem bejn il-kontendenti fil-kuntratt tas-separazzjoni tagħhom dwar il-kura, kustodja, setgħa tal-ġenitur u aċċess tal-minuri mhuwiex fl-interess tal-minuri illi jibqa' fis-sehh, u tħassar u tannulla fl-interess tal-imsemmi minuri dak kollu mifthiehem mill-kontendenti fuq daqshekk;

6. prevja dikjarazzjoni illi l-komportament u dispożizzjoni erratika, vjolenti u aggressiv tal-konvenut ukoll meta jkun taħt l-influwenza tax-xorb, huwa tali illi m'huwiex fl-interess tat-tifla minuri E D li l-kura u l-kustodja tagħha tkun fdata l-kontendenti flimkien kif maħsub fl-atti tal-kuntratt datat it-3 ta' Mejju tas-sena 2016 iżda jkun fl-interess tagħha illi l-istess kura u kustodja tiġi fdata lill-attriċi ommha, tordna u tiddikjara illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri E D tkun fdata biss fl-istess attriċi;

7. Tordna illi tenut kont il-komportament u dispożizzjoni erratika, vjolenti u aggressiv tal-konvenut ukoll meta jkun taħt l-influwenza tax-xorb u tenut kont l-aqwa interess tal-imsemmija minuri, E D, l-attriċi ommha jkollha l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri ad esklużjoni ta-

konvenut skont kif maħsub fl-artikolu 154 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

8. Tiffissa ġranet u ħinijiet għall-aċċess tal-konvenut għall-imsemmija minuri E D fi ġranet u ħinijiet u taħt dawk il-kundizzjonijiet illi jiġu magħżula mill-Qorti, inkluż jekk il-Qorti tara fl-aħjar interess tal-minuri illi l-aċċess jiġi eżerċitat taħt superviżjoni, ukoll wara s-smiegħ akkurat tal-minuri u għalfejn qegħda tirreżisti l-kuntatt ma' missierha, b'mod illi l-aċċess hekk iffissat ikun ukoll jirrispetta x-xewqat leġittimi tal-minuri, kemm-il darba dawn ikunu fl-interess suprem tagħha'

Illi minn naħa l-oħra fir-risposta tiegħu l-konvenut jagħti il-verżjoni tiegħu li waslu għall-istat ta' fatt preżenti fejn m'għadx għandu kuntatt fiżiku mal-minuri u dan għar-raġunijiet mressqin fl-istess risposta ġuramentata tiegħu. Madanakollu hekk kif jirriżulta mill-istess risposta ġuramentata, il-konvenut mhux qed jopponi għat-talbiet tal-attruċi, ħlief l-ispejjeż, u dan tant li bil-ġurament tiegħu huwa ddikkjara li skontu din il-Qorti għandha tilqa' t-talbiet tal-attriċi u tagħti il-ġudizzju għaqli tagħha fl-interess suprem tal-minuri bintu E Scibberas.

Illi kif jirriżula mill-atti, il-partijiet ma ressqux provi u konsegwentement dak li għandha quddiemha din il-Qorti huma d-dikjarazzjonijiet ġuramentati tal-partijiet hekk kif jirriżultaw mir-rikors ġuramentat tal-attriċi u r-risposta ġuramentata tal-konvenut kif ukoll id-dikjarazzjoni tagħhom waqt is-seduta tat-8 t'a Novembru, 2023 rigward l-aċċess tal-minuri.

Applikazzjoni tal-Liġi u Prinċipji Legali Għal Każ Odjern

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għall:

L-Artikolu 61 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid:

(1) *Kull ftehim bejn il-mara u r-raġel dwar il-kustodja tat-tfal jista', f'kull żmien, fuq talba tal-mara jew tar-raġel, jew ta' xi qarib ta' xi ħadd*

*minnhom, jiġi annullat mill-*qorti kompetenti, *meta hekk ikun meħtieġ għall-ġid tat-*tfal.

(2) *F'dak il-każ, il-qorti għandha tiddeċidi f'idejn min għandhom jiġu mogħtijin it-tfal, u kif għandhom jitmantnew u jiġu* edukati.

u

Regolament Numru 10 tal-Avviż Legali 397 tal-2003 liema regolament jipprovdi*:*

*(1) Mingħajr preġudizzju għad*-disposizzjonijiet *tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti –*

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le,* dwar il-kustodja, *manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew*

*(ċ) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta'separazzjoni personali jew minn kuntratt ta'separazzjoni personali jew minn digriet jew sentenza ta'divorzju; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu (a),dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d*-dettalji elenkati *fir-regolament 4(1) u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond mahemm f'dik id*-diposizzjoni.

*(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill*-partijiet *biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id*-disposizzjonijiet *tar-regolament 4(3).*

- *omissis-*

(Sottolinear tal-Qorti)

Il-Qorti għalhekk tara li l-proċedura ġiet segwita skont il-liġi.

Dan stabbilit, il-Qorti telenka l-prinċipji legali li huma relevanti għal każ.

Rigward il-**Kura u Kustodja** l-Qorti tirritjeni li f'tali aspett il-ġurisprudenza tagħna dejjem għalmet illi għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri.

Fil-kawża **Jennifer Portelli pro et noe. vs John Portelli**[7] intqal: "*Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew fil-liġi anika .... sew fil-liġi viġenti… kif ukoll fil-ġurisprudenza estera ... u f'dik lokali… hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita` u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-każ u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-miżżewġin, sew meta l-konjuġi jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.*"

Fis-sentenza appena ċiatata l-Qorti għamlet referenza għall-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs II Reverendo George Lawless**[8] fejn il-Qorti kienet qalet: " *la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere comessa ed affidata a colui, fra i coniugi, che riconoscera` piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta`, ed a tutte li circostanze del caso - sotto quei provvedimenti, che si reputino spediente pel vataggio di tali figli.*"

Fil-kawża fl-ismijiet: **John Cutajar vs Amelia Cutajar et**[9] il-Qorti qalet:

"*apparti il-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti in 'subjecta materja', li jiddeterina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak ta' l-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut...*"

Tenut kont tal-prinċipji bażilari hekk kif enunċjati mill-ġurisprudenza appena ċitata, u ċioe` l-prinċipju tal-aktar utilita` u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri , il-

[7] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 t' Ġunju, 2003, Ċitaz. Numru 2668/1996/2 RCP
[8] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit- 8 ta' Diċembru, 1858
[9] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit- 28 ta' Jannar, 1956

Qorti għandha l-faklolta` li abbażi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil genitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tenfazizza illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Għal dan isir referenza għas-sentenza **Sylvia Melfi vs Philip Vassallo**[10] il-Qorti tal-Appell qalet**:**

***"In this case the court must do what is the sole interest of the minor child. In its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child...***

***.... The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneslef from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the Court to always look for the interests of the child."***

Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi meta titpoġġa f'sitwazzjoni fejn għandha tikkunsidra talba għall-kura u kustodja esklussiva, jitnissel l-obbligu fuq il-Qorti illi tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-aħjar interess tal-minuri u mhux dak li jixtiequ jew jitolbu l-ġenituri. Filwaqt li l-Qorti dejjem tagħti piż għad-drittijiet tal-ġenituri dak li għandu jiġi determinat b'mod assolut huwa l-interess suprem tal-minuri, hekk kif ġie delinejat fis-sentenza appena ċitata.

Illi preżentement bejn il-partijiet hemm kuntratt ta' separazzjoni (li ġie ippubblikat fit-3 ta' Mejju, 2016) li *inter alia* jirregola wkoll l-kwisjtonijiet relatati mal-minuri E Schembri, u fejn il-partijiet ftehmu li l-kura u l-kustodja kellha tkun waħda konġunta bejn il-partijiet.

Illi l-attriċi tkkontendi fir-rikors ġurament tagħha li din l-kawża kellha ssir sabiex proprju sabiex tvajra dan kollu u tindirizza proprju kwistjonijiet speċifiċi u relatati mal-minuri *ossia* l-kura u l-kustodja, l-aċċess u s-setgħha tal-ġenitur hekk naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni minħabba l-aġir tal-konvenut li qed ikun ta' detriment serju għall-minuri.

[10] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 a' Novembru, 1998

Illi fir-risposta ġuramentata tiegħu l-konvenut ma jikkonfermax dak li qiegħda issosnti l-attriċi iżda dak li jgħid huwa fis-sens li kawża tal-fatt li ilu snin sħaħ ma jara lil bintu u jkollu kuntatt regolari u normali magħha, huwa jammetti li dan kollu kellu impatt '***ħażin fuq is-saħħa tal-konvenut u minħabba f'hekk u kif ukoll għaliex il-konvenut qatt ma xtaq illi l-minuri tispiċċa tintuża bħala ballun bejn il-partjiet, huwa dispost li jaċċeta t-talbiet attriċi rigward il-kura u l-kustodja ...***"

Fir-rigward tas-setgħa tal-Qorti li tagħti ordnijiet minkejja dispożizzjonijiet oħra u dan ai termini tal-Artikolu 149 ta' Kodiċi Ċivili, fejn huwa stipulat illi:

"*B'dak kollu li jinsab f'kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-Qorti tista' jekk tiġi murija raġuni tajba, tagħti dawk l-ordnijiet dwar il-persuna jew il-proprjeta` ta' persuna li tkun taħt l-eta` kif jidhrilha xieraq fl-aħjar interessi tat-tifel*",. Il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Edward Briffa pro et noe vs Georgina sive Georgia Seguna***, deċiża minn din il-Qorti iżda diversment preseduta, nhar il-25 ta' Jannar, 2019 u tagħmel tagħha l-evalwazzjoni legali rigward id-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti fil-kuntest tal-interessi supremi tal-minur. F'din is-sentenza jiġi mgħallem illi:

*Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet sabiex jikkunsidraw x'inhu għall-aħjar interess tal-minuri. Fost oħrajn wieħed isib il-kawża fl-ismijiet* **Helen Mary Strout f'isimha proprju kif ukoll bħala kuratriċi ad litem ta' binha minuri Warren Luke vs Av. Dr. Simon B Testaferrata nominat bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-assenti Paul C Strout** *deċiża mill-Prim' Awla fit-28 ta' Frar 2003 fejn ġie osservat li "Jirriżulta li l-attriċi minn mindu telaq żewġha iddedikat ruħha għat-trobbija ta' binha u terfa' weħidha, bl-għajnuna sussidjarja tal-ġenituri tagħha, il-piż ta' din it-tarbija. Huwa raġjonevoli għalhekk illi fuq l-awtorita` tal-ġurisprudenza stabilita in materja (Vol.II p 325; Vol. IV p 74; Vol. VIII p 557 fost oħrajn) partikolarment b'rigward "a ċio che e` piu`utile e vantaggiose all'interesse si morale che fisico" tat-tifel innifsu, il-kura u l-kustodja tiegħu għandha tkun affidata lill-omm.*

*...-omissis-...*

*Fil-Fehma tal-Qorti l-Artikolu 149 tal-Kap 16 jagħmilha ċara lli fejn jikkonċerna l-interess suprem tal-minuri idejn il-Qorti m'hiex imxekkla b'regoli stretti ta'*

*proċedura. Hija għalhekk tal-ferma konvinzjoni illi fejn jidħlu d-drittijiet u l-interess suprem ta' minuri, il-Qrati tagħna għandhom diskrezzjoni wiesgħa ħafna u ma humiex imxekkla minn regoli ta' proċedura rigoruża. Addirittuta l-Qorti tal-Familja għandha s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri anke jekk ħadd mill-partijiet ma jkun għamel talba fir-rigward (ara* ***A sive BC vs D sive EC*** *deċiża mnn din il-Qorti fit-30 ta' Ġunju, 2015). (Ara wkoll* ***C Micallef vs Lesya Micallef*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018)"*

Din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[11]***:***
"Il-*Qorti tfakkar li fejn jidħlu l-minuri huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artikolu 149 tal-Kodici Civili li* ***jagħti poter lill-Qorti tagħmel kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri."***
(Emfasi ta' din il-Qorti)

Il-Qort tirrileva li vista ta' dak iddikjarat mill-konvenut stess, jirriżulta ampjament ċar li dak pattwit bejn il-partijiet mhux qed jiffunzjona sew.

Bl-artikoli 61 u 149 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa ħafna u s-setgħa li tieħu kull provvediment fl-aħjar interess tal-minuri. Abbażi ta' dak li l-partijiet iddikjaraw fir-rikors ġuramentat u risposta ġuramentata, rispettivament, il-Qorti tara li l-klawsoli pattwiti fil-kuntratt ta' separazzjoni tagħhom fir-rigward tal- kura u l-kustodja tal-minuri, ma jgħoddux iktar għalihom ladarba huma ma jistgħux jikkomunikaw sew bejniethom. Għaldaqstant u tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenut stess mhux qed jopponi li l-kura u l-kustodja tiġi fdata esklussivament f'idejn l-omm, tant li adirittura qed jitlob lill-Qorti sabiex tilaq' din it-talba, għaldaqstant il-Qorti tħoss li dak li huwa fl-interess suprem tal-minuri huwa li l-attriċi tiġi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri E D.

Għaldaqstant il-Qorti ser tiddisponi mill-ewwwel u t-tieni talba billi tordna li miftiehem bejn il-partijiet fil-kutratt tas-separazzjoni tagħhom (anness bħala Dok A mar-rikors ġuramentata tal-attriċi), dwar il-kura u l-kustodja tal-minuri għandu jiġi varjat fis-sens li l-kura u l-kustodja m'għandhiex tibqa' waħda konġunta bejn

[11] Deċiża l-4 ta' Marzu, 2014 Appell Civili Numru. 406/2010/1

il-partijiet iżda l-Qorti tiddikjara u tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E D għandha tkun esklussivament f'idejn l-attriċi.

## Setgħa ta' Ġenitur

Fir-rigward tat-tielet talba tagħha l-Attriċi qed titlob lill-Qorti sabiex waħedha jkollha l-jeddijiet kontemplati *ai termini* tal-Artikolu 154 ta-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta ad esklużjoni tal-konvenut.

Illi kif jirriżulta mir-risposta ġuramentata tiegħu il-konvenut jilqa' għal din it-talba billi jgħid huwa li kawża tal-fatt li ilu snin sħaħ ma jara lil bintu u jkollu kuntatt regolari u normali magħha, dan kollu kellu impatt '***ħażin fuq is-saħħa tal-konvenut u minħabba f'hekk u kif ukoll għaliex il-konvenut qatt ma xtaq illi l-minuri tispiċċa tintuża bħala ballun bejn il-partjiet, huwa dispost li jaċċeta t-talbiet attriċi rigward ... l-eżerċizzju tal-jeddjiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri...*** **"**
(sottolinear u emfasi tal-Qorti)

Il-Qorti tibda sabix tfakkar li l-kwistjoni tas-setgħa ta' ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, u b'hekk jekk ġenitur ma jkollux f'idejh il-kura u l-kustodja ta' minuri dan ma għandux ifisser bilfors illi tali ġenitur għandu jkun żvestit mis-setgħa ta' ġenitur. F'dan il-kuntest il-Qorti tara li jkun idoneju li ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Mark Micallef pro et noe vs Ramona Caruana***[12], fejn ġie ċċarat dan il-prinċipju: " ... *s-setgħa tal-ġenitur ma hijiex ugwali għal kura u kustodja, iżda huwa kunċett legali li emanixxa mid-Dritt Ruman li jinkorpora fih fost oħrajn, il-kunċett tal-kura u kustodja . Fil-fatt jekk wieħed ma jkollux f'idejh il-kura u kustodja, ma jfissirx li jitlef id-drittijiet l-oħra li jappartjenu lilu bħala ġenitur, fosthom id-dritt ta' aċċess, d-dritt li jieħu deċiżjonijiet flimkien mal-ġenitur l-ieħor, id-dritt li jkun infurmat dwar il-progress tal-minuri, u d-dritt li jiffirma u jġedded passaport. Għaldaqstant ġialadarba ġenitur ikun għadu f'pożizzjoni li jeżerċita dawn id-drittijiet, minkejja li ma jkollux il-kura u l-kustodja tal-minuri, ifisser li xorta waħda jkollu s-setgħa ta' ġenitur, liema setgħa tista' titneħħa skont id-disposizzjonijiet tal-Liġi kif misjuba taħt is-Sub-Titolu II tat-Titolu IV tal-Ewwel Ktieb"*

[12] Deċiża minn din il-Qorti fis-27 ta' Mejju, 2021 mhux appellata (Rik Ġur. 140/2019 AL)

Illi kif jixhed is-suespost din hija miżura drastika, li pero` l-konvenut stess qed jiddikjara li minħabba l-effett ħażin ta' dak li ġara fis-snin preċedenti kellu fuq saħħtu, huwa dispost li jaċċetta anki din it-talba tal-attriċi.

Il-Qorti hawnhekk taħfmel referenza għall-artikolu 154 subinċiż (2) li jistipula:

*2) Fejn l-interess tat-tifel jirrikjedi hekk, il-Qorti tista' tordna li ġenitur wieħed biss għandu jkollu l-eżerċizzju tal-jeddijiet kollha ta' setgħa tal-ġenituri u l-Qorti tista' wkoll tillimita l-eżerċizzju ta'tali jeddijiet u, f'każijiet gravi, teskludi liż-żewġ ġenituri mill-eżerċizzju ta' dawk il-jeddijiet.*

In vista taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ fejn il-konvenut mhuwiex qed jopponi tali talba abbażi tar-raġunijiet mogħtija minnu fir-risposta ġuramentata tiegħu, il-Qorti ser tapplika l-artikoli 149 u 154 (2) tal-Kap 16 tal-Liġjiet ta' Malta u f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri ser tiżvesti lill-konvenut mis-setgħha tal-ġenitur u tordna li għandha tkun l-attriċi omm li għandha teżerċita waħedha il-jeddijiet kollha ta' setgħa ta' ġenitur u konsegwentement ser tilqa' dik l-parti ta' l-ewwel talba li tirtratta dan il-mertu u anki t-tielet talba tal-attriċi.

Madanakollu il-Qorti tħoss li għandha d-dmir li tagħmel referenza għas-subinċiż (4) tal-Artkolu 154 li jipprovdi:

*"Madankollu, il-qorti tista', ukoll fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1), terġa' tqiegħed lill-ġenitur fl-eżerċizzju tal-jeddijiet li tkun tellfitu, jekk ma tibqax ir-raġuni li għaliha tkun tellfitu dawk il-jeddijiet"*

**<u>L-Aċċess tal-Missier vis-a-vis il-minuri E D</u>.**

Permezz tar-raba` talba tagħha l-attriċi qiegħda titlob lill-Qorti sabiex tiffissa l-modalita` tal-aċċess li għandu jkollu l-konvenut ma' bintu l-minuri u

konsegwentement tvarja dak li kien ġie pattwit bejniethom fil-kuntratt tas-separazzjoi tagħhom fuq l-aċċess.
Madanakollu jirriżulta li illum fuq dan il-mertu hemm qbil bejn il-partijiet li l-aċċess għandu jiġi regolat skont dak mifthiem bejniethom waqt is-seduta quddiem din il-Qorti tat-8 ta' Novembru 2023 u ċioe`:

"*L-avukati difensuri tal-partijiet* ***jaqblu illi fir-rigward tal-aċċess tal-missier għal-minuri għandu jseħħ biss kif u meta jiġi maqbul bejnu u bejn it-tifla minuri E u dan skont kif jiftehmu minn żmien għal żmien****.*"
(Emfasi u sottolinear tal-Qorti)

In vista ta' dan il-qbil bejn il-partijiet, il-Qorti ser tiddisponi mir-raba` talba tal-attriċi billi tordna li l-klawsoli tal-aċċess fil-kuntratt tas-separazzjoni tal-partijiet[13] għandhom jiġu varjati u minflokhom tordna li l-aċċess tal-konvenut għall-bintu għandu jkun regolat hekk kif mifthiem bejn il-partijiet waqt is-seduta tat-8 Novembru 2023.

**DECIDE**

Għaldaqstant in vista li l-konvenut mhuwiex qed jikkontesta it-talbiet tal-attriċi, l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u bl-applikazzjoni tal-artikolu 61 ta' Kap16 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara u tordna li dak pattwit bejn il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 3 ta' Mejju, 2016 **limitatament** fir-rigward ta' i) il-kura u kustodja, ii) setgħa tal-ġenitur u iii)aċċess tal-minuri, m'għandux jibqa' fis-seħħ u dan fl-interess suprem tal-minuri.

2. Tilqa' it-tieni talba tal-attriċi billi tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri E D m'għandhiex tibqa' waħda konġunta kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet ippublikat fit-3 t'a Mejju, 2016, iżda minflok tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri E D għandha tiġi fdata esklussivament f'idejn l-attriċi omm, b'dana illi l-minuri għandha tibqa' tirrisjedi mal-attriċi ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi stess tistabilixxi bħala r-residenza tagħha, u tipprovdi ulterjorment li l-attriċi tista' tieħu kull deċiżjoni tal-minuri waħedha, kemm dawk ordinarji u dawk straordinarji,

[13] tat- 3 ta' Mejju 2016

rigward dak kollu li għandu x'jaqsam mas-saħħa u mal-edukazzjoni, mal-extra-kurrikulari, mas-safar u mal-ħruġ tal-passaport tal-minuri, u liema passaport għandu jinżamm mill-attriċi;

3. Tiddisponi mit-tielet talba tal-attriċi billi tordna li l-konvenut għandu jiġi żvestit mis-setgħa tal-ġenitur tiegħu u konsegwentement tordna li din is-setgħa ta' ġenitur għandha tiġi eżerċitata unikament mill-attriċi;

4. Tiddisponi mir-raba` talba tal-attriċi billi tordna li l-aċċess tal-konvenut għall-bintu l-minuri E D, għandu jiġi eżerċitat u jseħħ biss kif u meta jiġi maqbul bejn il-konvenut u t-tifla minuri E D li illum għandha tlettax (13)-il sena, u dan skont kif jiftehmu l-konvenut u l-minuri minn żmien għal żmien.

Bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.